**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 176/2022 RM**

**Loris Micheli**

**-Vs-**

**Dr. John Refalo li b'digriet tal-20 ta' Settembru 2022 ġie konfermat bħala Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Nikolay Gorthcilov**

**Illum, 13 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-attur, Loris Micheli fir-Reġistru tal-Qorti fil-11 ta' Awwssu 2022 fejn talab prevja dikjarazzjoni illi (a) l-ittra mibgħuta datata l-1 ta' Awwissu 2022 (Dok A), (b) il-komunikazzjoni preċedenti tal-konvenut ma' terzi (ċ) kumment verbali oħra huma libellużiu malafamanti fil-konfront tal-attur u għandhom bħala skop li jtellfu, inaqqsu u jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-istess attur, jiġi ordnat jħallas lill-attur dik is-somma likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-attur jopera fl-industrija taż-żejt u gas; huwa direttur, azzjonist u Managing Director tas-soċjetajiet Oilworks Limited (C30672) u Three-E S.A. Dawn is-soċjetajiet kien ingaġġaw lis-soċjeta' 'Delta Oil Services' diversi drabi fuq xogħol; b'hekk, huma ħallsu diversi sommom ta' flus – kemm lis-soċjeta' Delta, kif ukoll lill-konvenut Nikolay Gorthcilov personalment, li kien jippreżenta ruħu bħala rappreżentant ta' Delta. Meta qamet kwistjoni bejn Delta u l-konvenut, il-kumpanniji li jirrapreżenta l-attur intalbu sabiex jipprovdu xi nformazzjoni, u dawn tawha.

Dlonk, tramite l-avukat tiegħu, il-konvenut bagħat ittra lill-attur u lill-kumpanniji li huwa jirrapreżenta, fejn attribwixxa lill-attur u lil dawn il-kumpanniji fatti għal kollox mhux minnhom. Qal li huma produċew dokumenti foloz, u qal ukoll li l-attur – flimkien ma terz – iffabbrika xi dokumenti. Mhux hekk biss, iżda talli l-konvenut xerred dawn l-allegazzjonijiet foloz mal-Bank of Valletta plc, il-bank tal-attur u tal-kumpanniji Oilworks u Three-E, u ma' Eni North Africa B.V., klijent importanti ħafna għall-attur, bl-intiża ovvja illi jagħmel ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur, biex ifixkel l-operat tiegħu, u biex itelliflu l-good standing li huwa għandu ma' dawn iż-żewġ entitajiet. Apparti dan, l-intimat xerred u ikkomunika informazzjoni ma terzi oħrajn dawn l-istess allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet, kif ser jiġi muri waqt is-smigħ tal-kawża.

L-attur (flimkien ma' Oilworks u Three-E), wieġeb għal din l-ittra mibgħuta fuq struzzjonijiet tal-konvenut, fejn huwa talab lill-konvenut jirtira dak li allega u li insinwa sa data speċifika, iżda l-konvenut baqa' ma rtirax dak li qal fl-ittra. Għalhekk, l-attur qiegħed jitlob l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-digriet mogħti fl-20 ta' Settembru 2022 li permezz tiegħu Dr. John Refalo ġie konfermat bħala Kuratur Deputat biex jirrappreżenta lill-assenti Nikolay Gorthcilov;

Rat ir-Risposta tal-konvenut ippreżentat fir-Reġistru fl-4 ta' Ottubru 2022, fejn ġie eċċepit:-

*“1. Illi fl-ewwel lok u f’linea preliminari, l-esponent nomine jirrileva l’improponibilita’ tal-kawza stante li ma jezistux l-elementi u rekwiziti mehtiega mil-ligi biex l-azzjoni tar-rikorrenti tirnexxi.*

*2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti jirrileva li ittra legali mibghuta in buona fede u permezz ta’ liema persuna tvanta d-drittijiet fil-konfront ta’ persuna ohra u fejn tippremetti li b’agir illegali dik il-persuna ohra ikkagunat danni jew hsara mod iehor lill-mittent ma tista qatt taghti bazi ghal azzjoni bhal dik intenta mill-attur bil-kawza odjerna. Illi tali azzjoni fir-rigward ta’ ittra legali qatt ma kienet kontemplata mill-Kap 579 tal-Ligijiet ta’ Malta li hija evidentement intiza biex tirregola l-media.*

*3. Ghandu jigi ssenjalat ukoll li kien l-attur stess li baghat informazzjoni falza dwar l-intimat lill-assocjati fin-negozju tal-intimat fil-Libya. B’ittra premessa l-attur intalab jiggustifika u jaghti tagħrif u dokumentazzjoni dwar l-allegazzjoni minnhu promossi. L-esponenti ghandu dritt li jidenfendi ruhhu u l-attur ma jista’ qatt jikkunsidra li gie malafamat sempliciment ghalex l-esponenti ghazel li jiddefendi ruhhu.*

*4. Fit-tielet lok minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecepixxi il-verita’ tal-fatti allegati fl-ittra mertu tal-kawza.*

*5. Illi b’referenza ghat-tielet eccezzjoni ghandu jirrizulta li l-istess Loris Micheli, bhala direttur tal-kumpannija Oilworks Limited pprezenta kawza ohra f’Malta kontra l-esponent liema kawza tolqot il-mertu tal-ittra legali mertu tal-kawza u tad-dikjarazzjoni precedenti li l-istess Loris Micheli kien precedentement irrilaxxja. Billi l-kwistjoni ghalhekk tal-verita o meno ta’ dawn il-fatti huwa il-mertu ta’ din l-kawza, din il-Qorti ghandha tissoprassjedi u tistenna l-ezitu tal-kawza principali.*

6. *Illi f'kull kaz minghajr pregudizzju ghas-suespost ma kien hemm assolutament xejn li jista' regjonevolment u legalment jitqies bhala malafamanti jew libelluz fil-konfront ta' Loris Micheli.*

7. *Illi fi kwalsiasi kaz, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*B'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-intimat nomine, u bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

Rat id-digriet mogħti għall-fini tal-artikolu 10 tal-Kap. 579, l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2022 fejn ordnat lill-partijiet jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni u nħatar bħala medjatur lil Dr. William Azzopardi;

Rat id-digriet mogħti fis-17 ta' Novembru 2022 fejn ġie revokat contrario imperio d-digriet tal-5 ta' Ottubru 2022 u ġie ordnat is-smigħ tal-provi;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kapitolu 579 ('l-Att').

L-attur, Loris Micheli, ħassu aggravat b'ittra legali mibgħuta fuq inkarigu tal-konvenut Nikolay Gorthcilov mill-avukat tiegħu Dr. John Refalo, ukoll il-Kuratur deputat f'dawn il-proċeduri, liema ittra ġġib id-data 1 ta' Awwissu 2022. Din l-ittra ġiet indirizzata lid-diretturi tal-kumpannija Oilworks Limited u ENI North Africa B.V u fiha ingħad illi kien qed tintbagħat kopja lilu personalment kif ukoll lil Bank of Valletta p.l.c.

Jidentifika bħala malafamanti l-allegazzjoni fl-ittra illi l-informazzjoni fid-dokumenti li ġew ipprovduti minnu lil u fuq talba tal-konvenut, hija falza u d-dokumenti huma fabbrikati u fl-aħjar ipotesi, id-dokumenti forniti ġew maħruġa b'mod negliġenti biex jaġevolaw terzi li qegħdin jivvantaw pretensjonijiet fil-konfront tal-konvenut.

Testwalment, il-brani impunjati fl-ittra tal-1 ta' Awwissu 2022 huma s-segwenti:-

"***Both these documents are false in that they do not reflect the factual situation. They appear in fact to have been issued, at best negligently, at the request of a Third Party who wanted to commence proceedings in Libya against our client who has been unjustly and wrongly accused of receiving undeclared and unauthorised funds***"

................

**"In order to be able to defend himself appropriately our client hereby requests that you immediately provide him with....."**

Id-dokumenti li fl-ittra ġew deskritti bħala dokumenti fabbrikati, jikkonsistu b'mod ġenerali, (A) fi *spread sheet* dwar pagamenti li suppost saru mill-konvenut lil Delta Oil Services, u (B) f'dikjarazzjoni bil-miktub tal-ko-ordinatur finanzjarju ta' Oilworks Limited b'referenza għal *statement* li jindika ħażin il-pagamenti li saru fil-kont bankarju tal-konvenut.

L-attur jippreċiża illi l-malafama tinsab fil-fatt illi l-l-avukat tal-konvenut fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut, indirizza l-ittra u bagħatha mhux biss lilu bħala direttur ta' Oilworks Limited, iżda wkoll lil terzi persuni, ċioe' ENI North Africa B.V. u Bank of Valletta p.l.c. Skont l-attur, dan sar b'malizzja u bl-intenzjoni speċifika li jiġi kkaġunat ħsara lir-reputazzjoni tiegħu ma' terzi persuni u entitajiet.

Il-konvenut jilqa' għall-azzjoni b'diversi eċċezzjonijiet, ewlenin fosthom in-nuqqas tal-kriterji meħtieġa skont il-liġi għall-azzjonabbilita' tal-malafama; in-natura privileġġjata tal-korrispondenza impunjata; u l-verita' sostanzjali tal-fatti imputati lill-attur.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi minkejja li fir-Rikors promotur l-attur għamel referenza mhux biss għall-ittra datata 1 ta' Awwissu 2022 bħala pubblikazzjoni malafamanti fil-konfront tiegħu izda wkoll għal "*(b) komunikazzjoni preċedenti (tal-konvenut) ma' terzi u (ċ) kummenti verbali oħra*", dawn id-dikjarazzjonijiet allegatament malafamanti ma ġew bl-ebda mod identifikati fir-Rikors, la bid-data meta suppost saru u wisq inqas b'kopja tal-komunikazzjoni libelluża jew b'referenza għall-kliem inġurjuż. Il-Qorti tirribadixxi, kif del resto riteniet diversi drabi qabel, illi f'azzjoni għal malafama, il-malafama għandha tiġi identifikata u impunjata espressament fl-att promotur tal-azzjoni, u pubblikazzjonijiet oħrajn li m'humiex imsemmija u identifikati speċifikatament fit-talba ma jirrientrawx fil-parametri tal-istħarriġ ġudizzjarju dwar l-allegat malafama. Konformement, fejn pubblikazzjoni ma tkunx ġiet speċifikatament identifikata u impunjata bħala libelluża fir-Rikors promotur tal-azzjoni, din ma tista' qatt tkun fil-mira tal-ġudizzju tal-Qorti anke jekk il-persuna aggravata matul is-smigħ tal-kawża tipproduċi l-prova tal-pubblikazzjoni diffamatorja.

Dan qed jingħad ukoll għaliex matul is-smigħ tal-provi, l-attur fix-xhieda tiegħu għamel referenza għal (i) stqarrija li ġiet ippubblikata mill-konvenut fuq is-sit elettroniku 'LinkedIn' fis-7 ta' Diċembru 2018, liema stqarrija saret referenza wkoll

għaliha mix-xhud Andreas Nicholaides fid-depożizzjoni tiegħu[1], kif ukoll (ii) email li ntbagħat mill-konvenut lil ENI North Africa B.V. fit-22 ta' Frar 2022. Madankollu, apparti l-fatt li l-attur ma ġabx prova kif imiss tal-istqarrijiet allegatament malafamanti u baqa' ma pproduċiex fl-atti kopja stampata tal-istqarrijiet imsemmija, dawn ma ġewx impunjati fir-Rikors u għalhekk mhux sejrin jitqiesu bħala pubblikazzjonijiet mertu tal-azzjoni odjerna.

Għaldaqstant, il-Qorti sejra għalhekk tistħarreġ biss in-natura diffamatorja o meno tal-ittra datata 1 ta' Awwissu 2022 mibgħuta fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tħoss li għandha tosserva illi l-awtur tal-ittra impunjata huwa Dr. John Refalo u mhux il-konvenut Nikolay Gorthcilov. Dr. John Refalo ma ġiex imħarrek biex iwieġeb għall-azzjoni għal malafama u bħala l-Kuratur Deputat maħtur biex jirrappreżenta l-assenti konvenut, huwa parti fil-proċeduri biss f'kapaċita' rappreżentattiva. L-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistipola li l-azzjoni għal malafama tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin, u dawn il-persuni biss:

*(a) l-awtur, jekk huwa jkun ipproduċa x-xogħol sabiex jiġi ppubblikat, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;*
*(b) l-editur, jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu faċilment identifikati,*
*(ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni:*

*Iżda ma jistgħux isiru kawżi separati kontra l-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) hawn fuq dwar l-istess malafama.*

[1] Fir-rigward tal-istqarrija fuq 'LinkedIn' irriproduċa biss il-kliem tal-pubblikazzjoni izda mhux kopja stampata tal-artikolu kif ippubblikat fuq is-sit elettroniku.

Id-definizzjoni ta' 'awtur' għall-fini tal-artikolu 3(3) tal-Att tinkludi mhux biss il-persuna li tikteb il-kontenut tal-pubblikazzjoni bħala l-kittieb ewlieni, iżda wkoll il-persuna li tikteb il-kontenut ippubblikat flimkien ma' ħaddieħor, sija bħala ko-awtur u sija wkoll bħala kontibutur. **Biex l-imħarrek jitqies bħala l-awtur ta' kontenut ippubblikat, irid jintwera - f'każ li l-kontenut kien miktub minnu – li dan kien intiż biex jiġi pubblikat, jew altrimenti li l-imħarrek kien ta espressament jew taċitament il-kunsens jew awtorizzazzjoni tiegħu għall-pubblikazzjoni.**

Fil-każ in diżamina huwa evidenti li l-ittra impunjata inkitbet u ġiet spedita minn avukat, Dr. John Refalo, fuq struzzjonijiet tal-klient tiegħu, il-konvenut. Dr. John Refalo xehed li huwa ġie inkarigat mill-konvenut sabiex jibgħat l-ittra datata 1 ta' Awwissu 2022[2], li ġiet mehmuża mar-Rikors promotur. Għall-Qorti dan ifisser li l-konvenut Nikolay Gorthcilov kien approva l-kontenut tal-istess ittra, inkluż għalhekk is-siltiet u dikjarazzjonijiet allegatament malafamanti. Għaldaqstant, il-konvenut għandu jitqies ukoll bħala l-awtur tal-ittra impunjata.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut eċċepixxa li huma neqsin il-kriterji meħtieġa mill-Att dwar il-Midja u l-Malafama għall-azzjonabbilita' tal-malafama.

Il-Qorti tqis li għandha tibda biex tistħarreġ jekk l-attur irnexxilux jissodisfa l-kriterju fondamentali stabbilit mill-artikolu 3(4) tal-Att biex l-istqarrijiet impunjati jitqiesu li huma diffamatorji, ċioe' l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, liema kriterju ġie trattat ukoll fis-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukati tal-partijiet waqt it-trattazzjoni finali.

Filwaqt li, kif inhu risaput, teżisti presunzjoni tal-falzita' ta' stqarrijiet li jiġu impunjati bħala malafamanti, għandu jiġi puntwalizzat illi mhux kull stqarrija li hija falza hija

[2] Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, Dr. John Refalo ippreċiża illi d-data tal-5 ta' Awwissu 2022 ġiet indikata erronjament fl-Affidavit tiegħu u d-data trid tinqara 1 ta' Awwissu 2022.

wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata u li tkun għamlet l-azzjoni għal malafama, illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

Ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja, stipolat mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, hu fondamentali għall-azzjonabbilita' tal-allegat malafama u jeħtieġ illi jiġi ppruvat bħala punt ta' tluq għaliex fin-nuqqas, l-azzjoni tfalli irrimedjabbilment. Tant hu fondamentali r-rekwiżit tal-ħsara serja lir-reputazzjoni illi l-istħarriġ relattiv għandu jsir mill-qorti *sponta sua* anke mingħajr il-ħtieġa li titqanqal eċċezzjni *ad hoc*.

L-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, minn dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248) għaliex il-grad tal-ħsara lir-reputazzjoni li jinħtieġ li jiġi stabbilit biex stqarrija tista' titqies bħala diffamatorja, m'hu xejn inqas minn ħsara serja, u mhux biżżejjed biss xejra jew tendenza ta' xi ħsara. Għalkemm il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, dak li hu żgur hu illi bl-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi li jridu jintlaħqu għas-suċċess tal-azzjoni għal malafama, fosthom dak ta' ħsara serja, qed ikompli jiġi msaħħaħ u mħares il-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u jiġi rikonoxxut l-importanza suprema ta' dan il-jedd.

Hawnhekk ikun opportun li ssir referenza għall-insenjament fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**, in tema tal-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act 2013 (l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku) għall-azzjonabbilita' tal-malafama:-

*"... section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be so regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm*

*which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred.* ***This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated****. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.*[3] (enfasi ta' din il-Qorti)

Dan ifisser li bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja u telf finanzjarju serju (f'każ ta' korp li jopera għall-profitt) għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni**, u għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[4].

Il-Qorti fid-deċiżjoni appena ċitata qalet ukoll illi l-kejl tal-ħsara serja għandu jiġi determinat "*by reference to the actual facts about its impact and not just to the meaning of the words*".

Skont Duncan and Neil, 'On Defamation', "*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it*

---

[3] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**.
[4] *Ibid*. para. 21 tad-deċiżjoni.

*is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[5]

Skont Gatley:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as* ***the nature and the inherent gravity of the allegation****, whether the publication was oral or written,* ***the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed*** *and the transience of the publication.*"[6]

Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova tan-natura diffamatorja tal-kliem jew it-tifsira tagħhom, u bil-prova li l-impatt tal-pubblikazzjoni tal-malafama kien wieħed ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-atturi, jew li jista' potenzjalment ikollu impatt ta' ħsara serja[7].

Ikkunsidrat;

Illi minn eżami tax-xhieda tal-attur u l-provi miġjuba minnu, jirriżulta illi l-kumpannija Oilworks Limited għandha relazzjoni kuntrattwali ma' Three-E Engineering Environment, kumpannija mwaqqfa fil-Libja għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet tagħha ġewwa l-Libja. Da parti tagħha, Three-E ikkonkludiet fl-2014 kuntratt għall-fornitura ta' provvisti ma' ENI North Africa BV ('Eni') u Mellitah Oil & Gas B.V. ('Mellitah'), u kkonkludiet ukoll kuntratt ma' Delta Oil Services Co.

---

[5] Page 34 4.08. Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. *Ibid.* para. 4.13, page 35/36.

[6] Gatley on Libel and Slander (2013 Ed.) 2.4, pg. 39. Enfasi tal-Qorti.

[7] Din il-prova tista' ssir ukoll b'inferenza ta' fatt.

(‘DOS’) għall-prestazzjoni ta’ servizzi u għall-użu tal-faċilitajiet fis-sit tal-istess DOS għall-ħażna ta’ skart u materjal. Il-pagamenti lil Eni u lil Mellitah kienu jsiru minn Oilworks Limited għan-nom ta’ Three-E. Għall-ħabta tal-2018, Three-E bdiet tirriskontra diffikoltajiet fil-ġbir ta’ ammonti dovti lilha minn klienti tagħha u kienet tat struzzjonijiet lil Oilworks biex tħallas lil DOS għas-servizzi reżi minnha biss wara li tkun irċeviet pagamenti mingħand klienti oħrajn. Din is-sitwazzjoni qanqlet diżgwid mal-konvenut, id-direttur maniġerjali ta’ DOS, li beda jibgħat komunikazzjonijiet b’theddid lill-kumpannija, filwaqt li Three-E għaddiet biex tistitwixxi proċeduri fil-Libja kontra l-konvenut personalment kif ukoll fil-konfront ta’ DOS minħabba li kienet qiegħda ċċaħħad aċċess lis-sit tagħha.

Il-Qorti fehmet illi permezz ta’ Memorandum of Understanding (MOU) li ġie konkluż bejn DOS (rappreżentat minn Tarek Douga u l-konvenut Nikolay Gorthcilov) u Three-E (rappreżentat minn Giuseppe Magini u minn Adbulrazzak Breish) b’effett mit-8 ta’ Marzu 2020, il-pendenzi bejn il-kumpannija tal-attur, Oilworks Limited u Three-E ġew riżolti u ġie miftiehem illi Three-E kellha tħallas diversi ammonti lil DOS, kif ukoll kellha tiġbor u tirrimwovi l-iskart kollu mill-yard ta’ DOS. Ġie maqbul ukoll li hekk kif Delta Oil Services Co. tikkomunika l-kontenut ta’ Appendix 1 tal-MOU lil diversi entitajiet oħrajn inkluż ENI North Africa u kull entita’ oħra li DOS kienet daħħlet fil-kwistjoni, Three-E kellha ċċedi l-kawżi ċivili u penali li kienu ġew istitwiti minnha quddiem il-qrati fi Tripoli[8].

Appendix 1 tal-MOU jgħid hekk:-

“*...With reference to our previous comminication on the matter, and agreeing on a total final compensation fully comprehensive of each and every fee, Delta Oil Services Co. is glad to announce that there are no longer disputes of whatsoever nature with resepct to the above-mentioned contract with Three-E. All matters have been settled in amicable matter with our full satisfaction. Delta Oil Services Co. accepts the*

[8] Klawsola 3(a)(vi) tal-MOU.

*statement that the Contract 01-14-01 is concluded in full by the 04.12.2018 as per common Memorandum of Understanding signed on the 8th March 2020.*

*We want to reassure all involved parties that there are no issues of whatever nature on the wastes and materials stored in our facility.*

*We apologise for having involved third parties in order to settle out business.*"

Il-komunikazzjoni tal-kontenut tal-Appendix 1 lil "*all concerned parties*"[9] saret permezz ta' ittra datata 19 ta' Marzu 2020 (erronjament datata 19 ta' Marzu 2019)[10].

Iżda, minkejja l-MOU li ġie konkluż fit-8 ta' Marzu 2020, il-konvenut Nikolay Gorthcilov sussegwentement istitwixxa proċeduri ġewwa l-Libja fil-konfront ta' Three-E għall-ħlas tad-danni u in segwitu beda jikteb ukoll lil ENI North Africa MD fejn għamel allegazzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' Three-E fil-yard ta' DOS. Fil-fatt, mix-xhieda tal-attur, il-Qorti fehmet illi m'huwiex qiegħed jattribwixxi l-ħsara li ġiet ikkaġunata lir-reputazzjoni tiegħu, biss lill-ispedizzjoni tal-ittra impunjata datat 1 ta' Awwissu 2022 għaliex din l-ittra kienet biss waħda minn serje ta' komunikazzjonijiet allegatament malafamanti li l-konvenut bagħat lil terzi, fosthom ENI North Africa B.V. Fost dawn il-komunikazzjonjiet, l-attur għamel referenza għal (i) komunikazzjoni mibgħuta mill-konvenut lil ENI North Africa B.V., wieħed mill-iktar klienti importanti tal-kumpanniji tal-attur, b'dikjarazzjoni li Three-E Limited għandha tagħti lill-kumpannija DOS is-somma ta' 2.2 miljun dollaru Amerikan, u (ii) email mibgħut fit-22 ta' Frar 2022 lill-istess kumpannija ENI North Africa B.V., liema email ġie wkoll ikkupjat lill-attur personalment. Dan l-email ma ġiex esebit mill-attur fl-atti proċesswalil iżda huwa xehed li kien fih dikjarazzjonijiet li kienu intiżi li jiżvijaw lil ENI North Africa B.V. dwar l-attivitajiet tal-kumpannija tiegħu Three-E ġewwa l-Libja. In segwitu, il-konvenut bagħat l-ittra li qed tiġi impunjata f'din il-kawża.

---

9 Xhieda tal-attur – paragrafu 19 tal-Affidavit tiegħu.

10 Dok. LM7 – paġna 365 tal-atti tal-kawża.

L-attur xehed illi għalkemm huwa kien iltaqa' ma' rappreżentanti ta' ENI North Africa B.V. biex jispjegalhom li l-allegazzjonijiet kollha li kienu qed isiru mill-konvenut kienu infondati, u kien urihom ukoll id-dokumentazzjoni kollha relevanti biex jikkontradixxi l-allegazzjonijiet, huma kienu għarrfuh li l-allegazzjonijiet tal-konvenut kienu detrimentali għar-reputazzjoni personali tiegħu, kif ukoll ir-reputazzjoni tal-kumpanniji Oilworks Limited u Three-E Limited. Kemm hu hekk, l-attur sostna li minħabba r-relazzjoni tiegħu ma' Three-E Limited, ENI qatt ma reġgħet għamlet użu mis-servizzi ta' Three-E.

Ikkunsidrat;

Illi huwa ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza in materja illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[11], imputazzjoni li l-persuna aggravata hija "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[12], jew hija inkompetenti jew ta' kondotta ħażina[13]:-

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-attur *de proprio* ma kienx il-persuna li ġiet interpellata mill-konvenut bl-ittra impunjata, għaliex kif ingħad diġa', huwa kien biss ikkupjat bl-ittra impunjata f'din il-kawża. L-ittra ġiet indirizzata lill-kumpannija Oilworks Limited li l-Qorti fehmet illi kienet ipprovdiet id-dokumenti allegatament foloz[14], u ġiet interpellata biex tiffornixxi lista ta' dokumenti addizzjonali biex jista' jiġi stabbilit l-akkuratezza o meno tal-informazzjoni kontenuta fid-dokumenti allegatament foloz. Madankollu, fl-ittra saret l-imputazzjoni diretta li kien l-attur, Loris Micheli personalment, involut fil-falsifikazzjoni u dan billi allegatament assista

[11] 6.10 p. 117.

[12] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

[13] **Clarke (t/a Elumina Iberica UK) v Bain** *ibid.*

[14] Tramite Edya Youssuf, impjegata tal-kumpannija.

lil terza persuna biex tiġi fabbrikata l-pretensjoni li l-konvenut ipperċepixxa mingħajr awtorizzazzjoni, fondi mhux dikjarati, u li għen lill-kumpannija Oilworks Limited biex joħroġ id-dokumenti foloz.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-kliem impunjat iwassal tifsira inerentement diffamatorja fir-rigward tal-attur Loris Micheli, ossia l-imputazzjoni li l-attur kien kompliċi fil-falsifikazzjoni ta' dokumenti intiża biex issir ħsara lill-konvenut.

Ngħaddu issa għall-istħarriġ dwar il-prova tal-impatt ta' ħsara serja tal-pubblikazzjoni tal-malafama.

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-firxa tal-pubblikazzjoni ossia n-numru tal-persuni lil lilhom tkun ġiet ippubblikata l-ħsara huwa fattur materjali għad-determinazzjoni dwar l-impatt ta' ħsara serja u kwindi għall-prova tal-element diffamatorju, għaliex pubblikazzjoni limitata ħafna taf tinnewtralizza l-prova tas-serjeta' tal-ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata.

Skont Gatley:-

"*However, where the publication is to a small number of people, any claim risks being struck out as an abuse of process ... a claimant will have to establish that the statement complained of has caused, or is likely to cause, serious harm to his reputation which may be difficult where the publication is limited ... the scale of publication will of course affect the damages.*"[15]

Fil-każ in diżamina, mad-daqqa t'għajn jirriżulta illi kienu biss ħamsa l-persuni li lilhom ġiet indirizzata jew li kellhom jirċievu kopja tal-ittra[16] u għalhekk, il-

---

[15] *Ibid.* 6.2 p. 189.

[16] The Directors Oilworks Limited, The Directors ENI North Africa B.V, l-attur, il-konvenut innifsu u Bank of Valletta p.l.c.

pubblikazzjoni l-entita' tal-ħsara lir-reputazzjoni diġa' hija b'hekk ferm ristretta. Iżda l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tista' tintlaħaq anke jekk il-malafama ġiet ippubblikata lil numru żgħir ta' qarrejja jew udjenza limitata, jekk jintwera li d-diffamazzjoni hi dwar imputazzjoni ta' natura gravi li hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja, ngħidu aħna fejn hi kapaċi tħassar xi prospetti kummerċjali jew ikollha riperkussjonijiet finanzjarji jew ekonomiċi fuq il-persuna aggravata, fosthom fuq il-professjoni jew l-impieg attwali jew prospettiv tal-persuna[17].

Il-kwalita' tal-persuna jew persuni li lilhom ġiet ippubblikata l-malafama wkoll hija relevanti biex jiġi stabbilit jekk, għad illi l-malafama ġiet ippubblikata lil numru żgħir ta' persuni jew lil persuna waħda biss, jekk il-kriterju tal-ħsara serja lir-reputazzjoni ġiex sodisfatt. Fil-każ **Haji Ioannu v. Mark Dixon et.**, ċitat minn Gatley[18], il-fatt li l-pubblikazzjoni tal-allegazzjoni saret lil persuna waħda biss, ġie meqjus bħala immaterjali għall-fini tal-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni għaliex ġie kkunsidrat illi l-allegazzjoni ta' diżonesta` fil-konfront tal-persuna aggravate kienet waħda partikolarment serja, il-persuna li lilha ġiet ippubblikata kienet ġornalista u l-ħsieb kien li l-allegazzjoni tiġi pubblikata lil terzi persuni u konsegwentement, il-pubblikazzjoni kienet kapaċi li titwemmen.

Fir-rigward, il-Gatley jgħid:-

"*It is not difficult to conceive of claims for slanders or libels with limited circulation which would cause the claimant great embarrassment or distress or which might blight his financial prospects*."[19]

---

[17] Dan il-punt ġie diskuss fid-deċiżjoni Howe & Co. v. Burden (2004), EWHC 196 (QB).

[18] *Supra*: 2.4 p. 39 [EWHC, 2009 178 QC].

[19] Gatley: *supra* - 6.2 p. 191. Inoltre, fil-kaz **Crossland v Wilkinson Hardware Stores Ltd** (2005, EWHC 481 (QB) p.57) gie ritenut: *"The fact that a libel or slander has been communicated only to a very few publishees within an organisation does not of itself give any indication of what is at stake."*

Il-Qorti fil-każ odjern temmen li l-allegazzjonijiet magħmulin fl-ittra huma serji għaliex jimputaw lill-attur il-kommissjoni ta' reat kriminali ċioe' l-falsifikazzjoni ta' dokumenti u għalhekk jekk jintwera li l-pubblikazzjoni saret anke lil numru limitat ta' persuni iżda l-effett ikun wieħed detrimentali għall-persuna aggravata kif ingħad qabel, dan jista' jkun biżżejjed biex tiġi stabbilita l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni. Pubblikazzjoni ta' imputazzjoni diffamatorja tal-kommissjoni tar-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti, *multo magis* dokumenti bankarji, lil persuni jew entitajiet li huma indispensabbli minn lat kummerċjali u finanzjarju għas-suċċess jew it-tkomplija tan-negozju tal-persuna aggravata, fosthom banek u istituzzjonijiet finanzjarji kif ukoll klienti importanti tan-negozju, fil-fehma tal-Qorti hija ta' kalibru biżżejjed biex tissodisfa l-kriterju ta' ħsara serja anke fejn in-numru ta' persuni li lilhom ġie pubblikat il-malafama ikun ferm limitat.

Ikkunsidrat;

Illi dan stabbilit, u in vista tal-fatt li l-malafama saret b'kitba kontenut f'ittra li ġiet indirizzata biss lid-diretturi tal-kumpannija Oilworks Limited u lil ENI North Africa B.V., b'kopja lill-attur, il-konvenut u Bank of Velletta p.l.c. jeħtieġ ukoll li jiġi mistħarreġ, dejjem in vista tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta, ċioe' li huma mankanti r-rekwiżiti għall-azzjonabbilita' tal-malafama, jekk l-element tal-pubblikazzjoni tal-malafama, permezz tal-ittra impunjata, huwiex sodisfatt.

L-artikolu 3(3) tal-Att jiddisponi li l-azzjoni ċivili għal malafama taħt dan l-Att tista' tittieħed dwar kull ħaġa ppubblikata fil-midja, u l-malafama hija mfissra bħala komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna. Minn dan il-Qorti tifhem li l-azzjonabbilita' tal-malafama tistrieħ fuq il-prova tal-kriterju fondamentali tal-pubblikazzjoni tal-malafama permezz ta' komunikazzjoni bil-midja ta' kliem li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata.

Dan ifisser illi jeħtieġ f'kull każ, għall-prova tad-diffamazzjoni, li jiġi stabbilit li l-malafama ġiet effettivament **ippubblikata** u dan mhux biss lill-persuna aggravata izda

wkoll talanqas lil persuna waħda oħra. Tabilħaqq il-parti materjali tal-kawżali f'azzjoni ta' libell hija l-pubblikazzjoni tal-kitba, u mhux il-kitba per se. Il-pubblikazzjoni lil persuna waħda oħra apparti l-persuna aggravata nnifisha hija suffiċjenti biex issejjes l-azzjoni għal malafama purche' iżda, kif ingħad qabel, dik il-pubblikazzjoni tal-malafama hija kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni.

Fil-fatt, "pubblikazzjoni" hija mfissra fl-Att bħala "*kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun* ***komunikata lil*** *jew* ***tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni*** *jew li bih kliem jew immaġni viżwali* ***jiġu disseminati***"[20], filwaqt li "*midja miktuba*" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici *online* kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz *offline* mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi, u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti.

L-element tal-pubblikazzjoni, speċifikatament, jiġi sodisfatt bil-prova illi mill-inqas persuna waħda oħra barra mill-persuna aggravata nnifisha, ikun irċieva, qara, ra jew sema' l-kliem (jew immaġini viżwali) allegatament malafamanti; prova li tinkombi lill-persuna aggravata u kif taraha l-Qorti, ittra miktuba jew stampata, purche' din tiġi komunikata lil jew miġjuba għall-għarfien ta' xi persuni[21] b'kull mezz li jkun, sija bil-posta elettronika u sija wkoll bil-mezzi tal-posta tradizzjonali jew mezzi oħrajn, titqies bħala midja miktuba li tkun ġiet ippubblikata.

Fir-rigward ġie ritenut:-"*There are no limitations on the manner in which the defamatory material may be published. Any act which has the* ***effect of transferring the defamatory information of a third person****, constitutes a publication.*"[22].

---

[20] Enfasi tal-Qorti.

[21] Jew li jkun ġie 'ippubblikat'.

[22] **Stanley v. Shaw** (2006) BCCA 467, 23.

Skont il-Gatley:-

"*In order to constitute publication, the matter must be published by the defendant to (communicated to) a third party, that is to say, at least one person other than the plaintiff. ...* ***It is not sufficient that the matter has been merely communicated to the third party, it is also necessary that it be communicated in such a manner that it may convey the defamatory meaning and that persons acquainted with the claimant could understand it to refer to him***.[23]

... ... ...

*The question is whether the defendant has* **communicated** *the defamatory matter to others and this may be done in a variety of ways. Thus, words contained in a letter or email sent to a third person* ***would be published when read and a film or broadcast would be published when seen***."[24]

Fid-deċiżjoni fil-każ **McNichol v. Grandy**[25] ġie ritenut "*Publication takes place where the defamatory matter is brought by the defendant or his agent* ***to the knowledge and understanding of some person other than the plaintiff***".

Il-Gatley in propositu, jikkummenta wkoll-

"*If therefore, a defamatory letter was handed to a person who could not read or write, there would be no publication, nor would there be where words were spoken in a foreign language not understood by those who heard them*".[26]

Fil-fehma tal-Qorti dan l-istess prinċipju jgħodd f'każ fejn il-midja miktuba kienet intiża li tintbagħat lill-persuna aggravata u lil terza persuna, iżda jintwera li ma tkunx ġiet spedita jew ma tkunx waslet għand it-terz destinatarju.

[23] Gatley, On Libel and Slander, 2013 Ed. 6.1, page 187. Enfasi tal-Qorti.

[24] *Ibid.* 6.12 page 202.

[25] (1932) 1 D.L.R. 225.

[26] *Ibid.* 6.2 p.188/189.

Fil-każ in diżamina, qed jiġi asserit mill-attur illi l-malafama ġiet ippubblikata permezz tal-ittra datata 1 ta' Awwissu 2022.

Il-Qorti hi tal-fehma illi diversament mill-każ ta' pubblikazzjoni f'gazzetta, *news portal* elettroniku jew ktieb – f'liema każijiet teżisti presunzjoni ta' firxa wiesa' ta' pubblikazzjoni - **ma teżisti l-ebda presunzjoni li l-materjal malafamanti stampat jew miktub f'ittra mibgħuta bil-posta regolari jew elettronika jew fuq website, ikun ġie pubblikat lil persuna jew persuni li lilhom l-ittra tkun ġiet indirizzata, u għalhekk il-persuna aggravata trid tipprova pożittivament li l-istqarrija diffamatorja ġiet komunikata u moqrija minn xi ħadd materjali, u kwindi ippubblikata lil xi ħadd apparti l-persuna aggravata.**

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, minn eżami tal-ittra impunjata, jirriżulta li din kellha tintbagħat mill-avukat ta' Nikolay Gorthcilov lid-diretturi ta' Oilworks Limited, kif ukoll lil ENI North Africa B.V. bħala d-destinatarji ewlenin tal-ittra. Kellha tintbagħat ukoll kopja tagħha lil Bank of Valletta p.l.c., lill-attur u lil Nikolay Gorthcilov innifsu.

**Irid għalhekk jiġi ppruvat illi l-midja miktuba, f'dan il-każ l-ittra impunjata, kontenenti l-istqarrijiet malafamanti, ġiet ippubblikata ċioe' li waslet għand jew inġiebet għall-attenzjoni ta' mill-inqas persuna waħda oħra minn dawk indikati bħala destinatarji fl-ittra, apparti, naturalment, il-konvenut u l-attur innifsu bħala l-persuna aggravata.**

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm l-attur xehed li huwa rċieva l-ittra permezz ta' email, hija nieqsa l-prova li l-kumpannija Oilworks Limited innifisha - wieħed miż-żewġ entitajiet li lilhom ġiet indirizzata l-ittra - irċeviet l-ittra, u dan kif jirriżulta

mix-xhieda ta' Aida Youssuf, il-ko-ordinatur finanzjarju ta' Oilworks Limited. Hi xehdet li mhux biss ma rċevietx l-ittra u qatt ma ratha, iżda kkonfermat ukoll li l-uffiċċju tal-kumpannija li jinsab indikat fuq l-ittra m'huwiex miftuħ u l-ittra ma waslitx għand il-kumpannija. Huwa minnu li l-provi juru illi l-attur m'huwiex l-uniku direttur tal-kumpannija Oilworks Limited[27], u jirriżulta wkoll li din il-kumpannija timpjega wkoll ko-ordinatur finanzjarju, Aida (Eyda) Youssuf, iżda l-attur imkien ma qal u ma jirriżultax mill-provi proċesswali li l-ittra waslet ukoll għand id-direttur l-ieħor tal-kumpannija Oilworks Limited, Giuseppe Magini jew li huwa sar jaf biha.

In kwantu għall-kumpannija ENI North Africa B.V., l-attur ukoll naqas milli juri illi l-ittra waslet għand l-uffiċini tal-kumpannija, wisq inqas were li din inqrat minn xi direttur, rappreżentant jew impjegat tal-kumpannija. Ma xehed ħadd in rappreżentanza ta' ENI North Africa B.V. biex tabilħaqq jiġi konfermat jekk l-ittra tal-1 ta' Awwissu 2022 waslitx għand il-kumpannija.

Safejn imbagħad għandha x'taqsam il-kopja li kellha tintbagħat lil Bank of Valletta p.l.c., il-provi juru li din l-ittra ma kienetx waslet għand il-bank għaliex Christopher Vella xehed illi din l-ittra ma nstabet imkien, la fil-file ta' Loris Micheli miżmum mill-bank u lanqas f'xi records oħrajn tal-istess bank. Il-Qorti tosserva wkoll illi ma ġiex indikat fl-ittra l-indirizz jew il-fergħa tal-bank li fiha kellha tiġi spedita l-ittra, jew min hu r-rappreżentant tal-bank li għalih l-ittra kellha tkun ta' interess, u ma ġiex indikat lanqas l-isem tal-persuna li għan-nom tal-bank l-ittra kellha tiġi indirizzata. Dan kollu magħdud, fil-fehma tal-Qorti, jikkonvinċiha illi ma saritx il-prova li l-ittra waslet għand il-Bank, wisq inqas saret il-prova li din ġiet moqrija minn xi aġent jew impjegat tal-bank.

**Kif taraha l-Qorti, huwa ppruvat biss li l-ittra waslet għand l-attur Loris Micheli, u li ġiet ippubblikata lill-attur biss u lil ħadd iktar. Għalkemm huwa evidenti li l-**

---

[27] L-attur innifsu xehed: "*I am one of the shareholders and directors of Oilworks Limited…*" L-estratt mis-sit elettroniku tal-Malta Business Registry (Dok. LM1) juri li d-diretturi tal-kumpannija Oilworks Limited huma l-attur, Loris Micheli, u Sharif Al-Sadiq.

**intenzjoni tal-konvenut kienet sewwasew li jippubblika l-ittra lill-persuni jew entitajiet indikati fl-ittra, tabilħaqq l-element tal-pubblikazzjoni mhuwiex b'daqshekk sodisfatt. Il-mankanza tal-prova pożittiva li l-ittra bl-imputazzjonijiet malafamanti ġiet tassew mibgħuta u konsenjata lit-terzi persuni li lilhom kienet indirizzata, jinnewtralizzaw għal kollox it-tieni rekwiżit għall-prova tan-natura diffamatorja tal-pubblikazzjoni, ċioe' il-prova tal-impatt tal-ħsara serja.**

Kollox magħdud, m'hijiex sodisfatta li l-element tal-pubblikazzjoni – element fondamentali għall-azzjonabbilita' tal-malafama – ġiet ippruvata. Konsegwentement, l-azzjoni ma tistax tirnexxi.

Hawnhekk għandu jiġi senjalat illi l-konvenut esebixxa forma differenti tal-ittra impunjata fir-Rikors promotur – Dok. NG1 – ukoll datata 1 ta' Awwissu 2022 iżda indirizzata mhux biss lid-diretturi ta' Oilworks Limited u lil ENI North Africa B.V., iżda wkoll lid-diretturi ta' Three E (Energy Engineering Environment). Il-kontenut ukoll huwa differenti (ara l-ewwel paragrafu) u jirriżulta wkoll illi din kellha tintbagħat permezz ta' posta reġistrata kif ukoll permezz ta' posta elettronika fuq l-indirizz elettroniku tal-attur innifsu in kwantu Oilworks Limited u Three E (Energy Engineering Environment) fuq loris.micheli@oilworks.net u loris.micheli@three-e.net.

Iżda għall-Qorti huwa ovvju illi l-attur irċieva l-ittra li ġiet mehmuża mar-Rikors promotur u mhux dik li ġiet ippreżentata mill-konvenut, iżda għandu jiġi osservat fl-istess ħin illi l-ittra Dok. NG1 tagħti x'tifhem illi din ma ntbagħtitx lil Bank of Valletta p.l.c. għaliex diversament mid-destinatarji l-oħrajn, ma ġie indikat ebda indirizz lanqas indirizz tal-posta elettronika tal-bank. Dan ikompli jissostanzja l-fehma tal-Qorti illi effettivament l-ittra impunjata qatt ma waslet għand l-imsemmi bank.

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm kif appena stabbilit, l-attur ma seħħlux jipprova l-kriterji ta' impatt ta' ħsara sejra lir-reputazzjoni tiegħu u lanqas l-element fondamentali tal-pubblikazzjoni tal-malafama, il-Qorti xorta waħda tħoss li għandha tissenjala, għall-kompletezza, li l-preġudizzjali tal-konvenut fit-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet fir-Risposta, hija f'kull każ, infondata.

Ġie argomentat illi bl-ispedizzjoni tal-ittra legali l-konvenut, kien qed jiddefendi l-pożizzjoni legali tiegħu wara li ġie rinfaċċjat b'informazzjoni allegatament falza dwar pagamenti magħmulin u dovuti lilu, u kien qiegħed ukoll jeżerċita jedd legali spettanti lilu meta interpella lill-persuni kkonċernati dwar il-pretensjonijiet vantati minnu fir-rigward.

Huwa minnu li huwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza in materja li jeżistu okkażjonijiet u ċirkostanzi varji fejn komunikazzjonijiet bejn persuni jew gruppi ta' persuni li jikkondividu interess leġittimu fil-materja tal-komunikazzjoni, huma protetti bi privileġġ naxxenti proprju mill-okkażjoni li fihom ikunu saru u dan bħala kwistjoni ta' interess pubbliku.  Iżda skont Gatley[28], jissussisti privileġġ taħt il-liġi tal-malafama, biss f'dawk l-okkażjonijiet fejn il-persuna li tippubblika l-istqarrija impunjata tkun qiegħda taġixxi, *inter alia*, in bażi ta' dmir jew interess li għandha fil-materja u fejn min jirċievi l-istqarrija għandu interess jew dritt korrispondenti li jirċievi dan il-materjal, jew fejn il-pubblikatur jaġixxi f'materja li fir-rigward tagħha għandu interess komuni mar-reċipjent.

Fid-deċiżjoni ċelebri in materja li tiġi ċitata konsistentement b'approvazzjoni[29], ġie ritenut illi stqarrija li hija falza u inġurjuża lir-reputazzjoni ta' persuna hija azzjonabbli ħlief jekk issir f'okkażjoni privileġġata, ċioe' "*... unless it is fairly made by a person in the discharge of some public or private duty whether legal or moral,* ***or in the conduct of his own affairs, in matters where his interest is concerned****. ...* ***If fairly warranted by any reasonable occasion or exigency, and honestly made, such***

[28] On Libel and Slander, 2013 Ed., 14.7 p. 546 *et seq*.

[29] **Toogood v. Spyring** (Gatley, *ibid.* 14.7, p. 546) – Ara wkoll **Loutchansky v. Times Newspapers Ltd** (nos 2-5) (2001) EWCA.

***communications are protected for the common convenience and welfare of society***." (emfasi tal-Qorti) Il-prova tal-malizzja xxejjen l-okkażjoni privileġġjata.

Fil-każ in diżamina hija kompletament mankanti l-prova li l-konvenut kellu interess identifikabbli li jikkomunika l-ilment tiegħu dwar il-fabbrikazzjoni tad-dokumenti mill-attur u mill-kumpannija Oilworks Limited, lil Bank of Valletta p.l.c u lil ENI North Africa B.V., klient tal-kumpannija tal-attur. Huwa evidenti li d-disputa kienet tikkonċerna biss Oilworks Limited (u Three-E) u l-attur fuq naħa waħda, u Delta Oil Services (DOS) u l-konvenut fuq in-naħa l-oħra, u possibbilment, it-terza persuna li fl-ittra intqal li kienet qed tassisti lill-attur biex jiffabbrika pretensjonijiet foloz fil-konfront tiegħu, iżda ma jirriżultax kif id-disputa u l-allegazzjonijiet ta' fabbrikazzjoni setgħet kienet ta' interess reċiproku għall-bank u għal ENI North Africa B.V.

Il-konvenut naqas b'mod manifest jiġġustifika l-għala kien ta struzzjonijiet lill-abukat tiegħu biex l-ittra tiġi indirizzata wkoll lil ENI North Africa B.V., kumpannija li l-kumpannija Oilworks Limited għandha relazzjoni kuntrattwali magħha u skont l-attur kienet wieħed mill-klienti l-iktar importanti tagħha u ta' Three-E. Il-Qorti ma riskontrat xejn fl-ittra li jindika r-relevanza tal-allegazzjonijiet tal-konvenut għall-kumpannija ENI North Africa B.V. u tosserva illi d-dokumenti li fl-ittra ġew deskritti bħala foloz evidentement inħarġu mhux minn ENI North Africa B.V iżda minn Oilworks Limited. Għaldaqstant huwa eskluż li l-konvenut kien qed jindirizza lil ENI North Africa B.V. meta allega li d-dokumenti provduti lilu huma fabbrikati u meta talab li jiġi sottomess lilu elenku sħiħ ta' dokumenti. Fil-fatt, id-dokumenti mitluba mill-konvenut fl-ittra jikkonsistu (a) f'dokumenti bankarji relatati ma' trasferimenti ta' flus minn Oilworks Limited lil Delta Oil Services u lill-konvenut innifsu, u (b) ittra maħruġa mill-awditur ta' Oilworks Limited, fost dokumenti oħrajn. Ma ntweriex kif ENI North Africa B.V. setgħet ikollha fil-pussess tagħha dawn id-dokumenti jew kif għandha x'taqsam ma' din il-kwistjoni jew id-dokumenti msemmija fl-ittra u huwa evidenti li ma saru ebda allegazzjonijiet fil-konfront ta' ENI North Africa B.V. fl-ittra, liema ittra hija dwar materja li tappartjeni esklussivament lill-attur u l-kumpannija tiegħu fuq naħa waħda, u l-konvenut u l-kumpannija tiegħu fuq in-naħa l-oħra.

Għalhekk, il-Qorti ma tistax taqbel li l-konvenut kien ġustifikat li jippubblika l-allegazzjonijiet malafamanti lill-istess ENI North Africa B.V. – li wara kollox hija klient tal-kumpannija tal-attur - u jinvolviha fil-kwistjoni li kellu mal-attur u l-kumpanniji tiegħu.

Kemm hu hekk, l-ispedizzjoni tal-ittra lil ENI North Africa B.V. jidher li din kienet biss manuvra oħra tal-konvenut f'sensiela ta' manuvri li skont l-attur, kienu intiżi biex jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-attur fir-relazzjonijiet kummerjċali tal-kumpannija tiegħu ma' kumpanniji oħrajn li kienet tagħmel negozju magħhom[30]. Hanwhekk il-Qorti tosserva illi waħda mill-kundizzjonijiet tal-Memorandum of Understanding konkluż bejn Delta Oil Services u Three-E Engineering Environment Energy fit-8 ta' Marzu 2020, kienet li Delta Oil Services, rappreżentata mill-konvenut u minn Tarek Dougha, kellha tintrabat li **tibgħat apoloġiija bil-miktub lil ENI North Africa B.V., fost kumpanniji oħrajn, talli kien involvihom inutilment fil-kwistjonijiet li kienu pendenti bejn Delta Oil Services u Three-E**. Tabilħaqq in adempiment ta' dan l-obbligu, Delta Oil Services kienet bagħtet ittra datata 18 ta' Marzu 2019, liema ittra skont l-attur ġiet iffirmata mill-konvenut innifsu (dan ma ġiex kontestat mill-konvenut), lil ENI North Africa B.V.[31] b'apoloġija espressa "*for having involved third parties to settle our business*". Dan ikompli jikkonvinċi lill-Qorti illi l-involviment <u>mill-ġdid</u> ta' ENI North Africa B.V. fil-kwistjoni l-ġdida li tqanqlet in segwitu għall-konklużjoni tal-ftehim bejn Three-E u Delta Oil Services, ma kien bl-ebda mod ġustifikat.

L-istess konsiderazzjonjiet jgħoddu wkoll għall-inklużjoni ta' Bank of Valletta p.l.c. bħala persuna li kellha tkun ikkupjata bl-ittra tal-1 ta' Awwissu 2022: il-bank ma ġie mitlub jipprovdi ebda informazzjoni jew dokumentazzjoni, u t-talba biex jintbagħtu *statements* bankarji saret direttament lill-attur bħala direttur ta' Oilworks Limited u l-

---

[30] Fosthom il-pubblikazzjoni fuq LinkedIn (ara fir-rigward ukoll ix-xhieda ta' Andreas Nicholaides) u korrispondenza oħra msemmija mill-attur fl-Affidavit tiegħu.

[31] Dok. LM7, paġna 365 tal-atti tal-kawża.

istess Oilworks Limited. Magħdud dan il-fatt illi ma hemmx prova li l-bank kien involut jew interessat fid-disputa jew it-transazzjoni.

Nikolay Gorthcilov ma xehedx fil-kawża u fix-xhieda tiegħu, Dr. John Refalo baqa' ma pprovda l-ebda spjegazzjoni dwar ir-relevanza tal-inklużjoni tal-bank u klient tal-kumpannija tal-attur fl-interpellazzjoni dwar l-allegat fabbrikazzjoni ta' dokumenti. Sostna biss li bl-interpellazzjoni legali li huwa kien bagħat fuq struzzjonjiet tal-konvenut, il-klient tiegħu kien qed jeżerċita l-jedd spettanti lilu li jikkontesta l-awtentiċita' tad-dokumenti lilu pprovduti mill-attur.

Għaldaqstant, hija l-fehma konvinta tal-Qorti li l-ittra legali impunjata ma tistax, fl-assjem taċ-ċirkostanzi fuq ikkunsidrati, titqies bħala komunikazzjoni privileġġjata għaliex evidentement, il-konvenut mar oltre l-parametri stabbiliti mill-ġurisprudenza in materja biex komunikazzjoni titqies li ntbagħtet f'okkażjoni privileġjġjata, u dan meta ta struzzjonijiet biex l-ittra tal-1 ta' Awwissu 2022 tiġi spedita lil persuni li ma kellhomx l-istess interess reċiproku fil-kwistjoni bejn il-partijiet.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenut iżda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni safejn hija kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tiċħad it-talba tal-attur Loris Micheli fir-Rikors promotur, bl-ispejjeż iħallashom l-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**